MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## IAN FARRUGIA

Seduta tas-16 ta' April, 2013

Numru 361/2013

Il- Pulizja
(Spettur Jason Francis Sultana)

Vs

Sibille Maxime

Il-Qorti;

Rat li l-imputat **Sibille Maxime** ta’ 23 sena bin Marc u Claire nee’ Servais Imwieled gewwa l- Belgium nhar it-23 ta’ April 1989, u residenti 441, Triq D’ Argens, Gzira u detentur tal-karta’ tal-identita’ Belgiana bin-numru 591-6364436-77, gie mressaq quddiemha akkuzat talli:

**1.** nhar it-13 ta’ April 2013 ghall-habta tal-23:30 gewwa Triq il-Kullegg L-Antik, Sliema, biex jikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih inniffsu jew ghal haddiehor, f’xi dokument mahsub ghal xi awtorita` pubblika,

xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta taghrif falz u dan **bi ksur tal-artikolu 188 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta;**

Rat il-verbal tas-Seduta ta' llum stess;

Rat l-atti u d-dokumenti;

Semghet l-ammissjoni inkondizzjonata tal-imputat anki wara li inghata iz-zmien skond il-Ligi sabiex jirrikonsidra tali ammissjoni;

In vista ta' dan il-Qorti ma ghandiex triq ohra hlief li issib htija skond l-imputazzjoni kif dedotta.

Semghet is-sottomissjonijiet finali ta' l-Ufficjal Prosekutur kif wkoll tad-difensur in tema ta' piena. L-Ufficjal Prosekutur ghamel referenza ghall-koperazzjoni da parti tal-hati waqt l-investigazzjoni. Id-difensur tal-hati ghamel enfazi fuq l-ammissjoni bikrija tal-hati kif wkoll ghac-cirkostanza partikolari li wasslet ghall-dan il-kaz u cioe li l-hati irrapporta haga li ma kienetx minnha peress illi huwa kien, f'dak l-istadju, qed ihossu mhedded minn persuna li kienet allegatament ghamlet feriti fuq persuna ohra.

Ghal-mottivi premessi, wara li rat l-Artikolu 188 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati ta' l-imputazzjoni kif dedotta kontra tieghu u tikkundannah sitt (6) xhur prigunerija, li bl-applikazzjoni u ai termini tal-Artikolu 28A tal-Kap 9 jibqghu sospizi ghall-perjodu ta' tmintax (18) il-xahar millum.

Il-Qorti tat lill-hati l-ispjegazzjonijiet mehtiega skond l-Artikolu 28A(4) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti tordna li, *ai termini* ta' l-Artikolu 392A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-atti kollha ta' dan il-procediment u kopja ta' din is-Sentenza jintbghatu lill-Avukat Generali fiz-zmien moghti mill-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------